**KUNSILL LOKALI MQABBA**

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, MQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**

Minuti tal-laqgħa numru sitta u ħamsin (56) tal-Kunsill Lokali Mqabba (KLM) li nżammet nhar il-31 ta' Awwissu, 2010, fis-7:30pm, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farrugia | Viċi Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

Din il-laqgħa bdiet tard peress li qabilha nżammet laqgħa mal-Imqabba Albions u infetħu l-kwotazzjonijiet għall-bini ta' ħitan tas-sejjiegħ, twaqqiegħ ta' ħitan tal-franka, provista ta' fallakki tal-aħmar, provista ta' *water paint*, manifattura ta' trofew Gieħ l-Imqabba u provista ta' bankijiet (*park benches))*

1. **Is-Sindku ippresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

2. Il-**minuti tas-seduta** preċedenti kienu meħuda bħala moqrija, kienu korretti bil-proposti tal-kunsillieri, approvati u ffirmati.

3. Nicholas Briffa ressaq **mozzjoni ta' proċedura** r-rapport **finanzjarju għat-tieni kwart tas-sena** jkun diskuss fil-bidu tal-laqgħa u mhux skond l-aġenda. Din kienet issekondata mis-sindku u approvata unanimament. Dwar ir-rapport finanzjarju s-segretarju eżekuttiv kien mitlub illi jirrevedi l-vot 3040 kif ukoll jagħti *breakdown* tal-vot 3300 (*community and hospitality)* peress li kien hemm varjazzjonijiet bejn l-estimi u l-attwali. Madankollu r-rapport kien approvat u se jintbgħat għand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

4. Il-Viċi Sindku telaq mil-laqgħa wara nofs siegħa għal raġunijiet personali.

5. Saret referenza għall-proposta li kienet saret mill-Kunsill Lokali Mqabba fi żmien aktar bikri tas-sena, jiġifieri biex issir **rampa għaċ-ċimiterju tar-raħal**. Hawn intqal illi propju fit-tweġiba tagħna lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, għall-iskema t'aċċessibilità li konna ssottomettejna, se nweġbuhom illi ma jistax ikun li nħallsu flus straordinarji biex din timmaterjalizza. Id-dipartiment issa qed jitlobna l-permess tal-*MEPA* kif ukoll ir-rapport t'aċċessibilità tal-Kunsill Nazzjonali Persuni b'Diżabilità.

6. Dwar il-progress tax-xogħol fuq il-**kisi ta' toroq bit-tarmak**, is-sindku qal li se nkomplu niddiskutu mal-awtoritajiet ċentrali permezz tas-segretarju parlamentari responsabbli mill-kunsilli lokali biex niġbru refużjoni għall-ispejjeż tal-*house connections* tal-ilma, li preżentement qed isiru mill-fondi tal-kunsill għal spejjeż addizzjonali.

7. Dwar it-***tower crane*** armat mis-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju fi Triq Santa Katerina, is-sindku qal illi saret spezzjoni fuq is-sit minn uffiċjali ta' *Transport Malta* u dawn raw li hemm problema ta' sigurtà u din it-triq ma tistax tibqa' *two way*. Infatti dawn iridu li l-Kunsill Lokali Mqabba jagħżel huwa stess f'liema direzzjoni jridha li ssir temporanjament sakemm tintemm il-kostruzzjoni fuq is-sede tal-istess soċjetà. Is-segretarju eżekuttiv qal li kif intramat il-bażi tat-*tower crane,* hu kien tkellem mal-viċi president ta' din is-soċjetà u infurmah illi dan il-*crane* kien se jiġi perikoluż jekk jitħallew għaddejjin minn maġenbu vetturi nkluż it-trasport pubbliku. Hu kien ipproponielu illi din il-parti tingħalaq (bejn il-Pjazza u Triq San Innoċenzju) jew tal-

inqas issir *one way*. L-alternattiva loġika għar-rotta temporanja tat-trasport pubbliku hija Triq il-Madonna tal-Ġilju. Madankollu s-sindku ppropona illi t-trasport pubbliku jibda' jitla' minn Triq il-Madonna tal-Ġilju u jinżel minn Triq Santa Katerina. Dan l-arranġament irid ikun komplimentat minn *bus stop* temporanju fejn il-*beauty parlour* fi Triq il-Madonna tal-Ġilju u ieħor fi Triq tas-Sejba. Madankollu, il-kunsillieri ma qablux dwar dan tal-aħħar għaliex jista' joħloq periklu fi triq daqshekk traffikuża. Intant is-sindku qal li l-Kunsill Lokali Mqabba diġà għandu reazzjoni negattiva mir-residenti ta' Triq Santa Katerina jekk din issir *one-way* minħabba l-inkonvenjenti li tqajjem, anke jekk temporanjament. Għaldaqstant ġie deċiż illi l-Kunsill Lokali Mqabba jibgħat żewġ proposti: dik li Triq Santa Katerina ssir *one way* fid-direzzjoni li ppropona s-sindku bejn Triq San Innoċenzju u l-Pjazza tal-Knsija, u li ssir *one way* it-triq kollha kif iridu t-*Transport Malta* għat-trasport pubbliku biss u tibqa' tintuża *two way* mill-vetturi privati. Għal dan il-għan ġie deċiż li ssir laqgħa għar-residenti ħalli dawn ikunu infurmati bid-diffikultajiet kollha li qed jiltaqa' magħhom il-kunsill u jiġi evitat it-tgergir kif ukoll il-periklu.

8. Grace Maria Mallia daħlet f'dan il-punt filwaqt li Nicholas Briffa kellu jħalli s-seduta wkoll għal ħabta tat-8:15pm.

**PUNTI MILL-MINUTI:**

9. Dwar il-każ ta' diffikultà tal-**parkeġġ fi Triq il-Fjuri,** is-sindku qal li qed nistennew *clearance* minn *Transport Malta* qabel jinżebagħ id-*double yellow line* fil-post li mmarkaw l-uffiċjali ta' *Transport Malta* meta ġew fuq il-post, għaliex din trid tkun immarkata fuq *site plan* li se jipprovduna biha. Dan għaliex fil-verità se jkollu jinbidel parkeġġ ma' ieħor li se jiġi eliminat, peress li f'dan is-sit l-isqaq jidjieq b'mod sostanzjali illi bil-kemm tgħaddi vettura kbira.

10. Għadna mingħajr risposta għat-**tabelli li twaħħlu mingħajr il-kunsens** tagħna minn *Transport Malta* fis-*service road* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija viċin Triq Mikelanġ Sapiano. Dawn it-tabelli konna għattejnihom bil-boroż tal-plastik temporanjament sakemm l-istess *Transport Malta* jagħtuna l-ġustifikazzjoni għalihom wara li kienu ħolqu problema għar-residenti ta' dawn l-inħawi diversi ġimgħat ilu.

11. Intant twaħħlu tabelli oħra tal-kuntrattur tal-Kunsill Lokalli Mqabba, *Asfaltar Ltd*, fit-toroq fejn qed isir l-intervent ta' kostruzzjoni biex iwissu lis-sewwieqa li qed isir **xogħol ta' toroq** f'dawk it-toroq li fihom qed isir il-kisi mill-ġdid bit-tarmak.

12. Is-sindku żamm lill-kunsillieri nfurmati illi għall-**kors tal-pittura** hemm sitta bbukkjati u hemm interess ukoll għat-tagħlim tal-*computer* li hu antiċipat li jkompli matul din ix-xitwa. Is-sindku qal li l-kors tal-pittura għadu ma bediex għaliex l-għalliema preżentement qiegħda għal btala barra pajjiżna.

13. Dwar l-**attività kulturali** li se ssir fl-1 ta' Ottubru, 2010, il-bieraħ kellna laqgħa mas-soċjetajiet u għalhekk is-segretarju eżekuttiv ma laħaqx lesta l-minuti. Madankollu l-attività kulturali se tkun tinvolvi lil każini tal-baned billi ġie deċiż li jsir in-nar tal-art wara li ingħatajna l-*contact numbers* ta' *insurance broker* li toffri assikurazzjoni fuq in-nar tal-art għal ħlas raġjonevoli skond is-segretarju tal-Każin ta' Santa Marija. Is-sindku qal li matul din il-laqgħa kienu deċiżi diversi affarijiet bħad-daqq mill-baned tas-soċjetajiet flimkien, l-armar tal-antarjoli, il-fistun tad-dawl, l-animazzjoni li se jkun hawn fit-toroq taċ-ċentru tar-raħal minn mużiċisti, kor miż-Żebbuġ Għawdex, karozzini fit-toroq u ferrovija mingħajr linji eċċ. Kien diskuss ukoll l-involviment tal-każini f'dik li hija *stand* tal-ikel waħdiena, minkejja li trid issir laqgħa dwar id-dettalji biex isiru l-arranġamenti kollha. Intant Paul Spiteri qal li ltaqa' ma' diriġenti ta' *Montekristo Estates* li se jkollhom l-inbid għall-bejgħ matul din l-attività.

14. Is-sindku fakkar lil dawk preżenti biex jattendu għal-**laqgħa** li se ssir nhar il-Ħamis, 2 ta' Settembru, 2010 mas-**Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju** fl-uffiċċju tal-kunsill dwar id-

dettalji tal-programm Ġieh l-Imqabba 2010. Dan se jsir biex l-istess soċjetà tkun infurmata f'hiex se jkun jikkonsisti l-programm u d-differenzi żgħar li hemm fl-andament tiegħu komparat ma' dak tal-2008 peress li hu ttamat li jkun iffirmat il-patt ta' ħbiberija wkoll mal-Kunsill Lokali Żebbuġ. F'dan il-punt is-sindku ppropona li jkun mistieden l-Onor Chris Said, is-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-kunsilli lokali biex l-istess serata tkun imtella' taħt il-patroċinju tiegħu u għaldaqstant is-serata jkun fiha aktar 'sustanza' billi n-nies tikkonkorri aktar. Il-proposta sabet l-approvazzjoni ta' Paul Spiteri, iżda Grace Marie Mallia ma qablitx għaliex hija taħseb li din is-serata għandha tibqa' tkun tal-Imqabbin biss kif dejjem kienet. Punt ieħor li qam għad-diskussjoni hija l-fatt li matul din is-serata ma kienux qed ikunu mistiedna l-presidenti onorarji tal-każini li kienu deputati parlamentari. Noel Galea qal li fl-evalwazzjoni li saret is-sena l-oħra kien intqal li din is-serata kellna niftħuha għall-presidenti onorarji anke jekk dawn ikunu deputati parlamentari. Għal dan ma kienx hemm oġġezzjoni. Punt ieħor li kien diskuss hu dak tal-inviti li s-soltu jsiru f'isem il-kunsill u jintbgħatu fuq il-proposta tas-soċjetà li tkun se ddoqq f'dan il-kunċert vokali u strumentali. Dawn minn din is-sena se jiżdiedu minn sittin għal numru akbar. Mas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju se niddiskutu dwar il-pubbliċità li trid issir għal din is-serata kif ukoll il-possibilità li nintegraw il-kor tal-Iskola Primarja Mqabba, minkejja li nafu li se jkollna wkoll diffikultà, peress li dawn it-tfal ikunu għadhom kemm bdew il-ġranet tal-iskola.

15. Dwar il-kumplament tal-attivitajiet għal Jum l-Imqabba 2010, is-sindku ppropona li t-tema tal-**Assemblea Lokali** li normalment tiġi organizzata fl-Isptar il-Qadim, għandha tkun l-**Użu tal-*IT***. Hu semma' li llum l-użu tal-*IT* daħal sewwa fid-djar tagħna u sfortunatament qiegħed isir użu ħażin minnu minn ftit persuni. Bħala eżempju semma' l-battibekki li ma jistħoqx li wieħed isib fuq il-*facebook* fejn illum dan huwa vetrina għal ħafna. Noel Galea qal li dan ma jagħmilx ġieħ lir-raħal tagħna peress li jagħti stampa kerha lill-ħbieb ta' dawk li jkunu qed jużaw dan is-*social network* virtwali. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni dwar is-suġġett propost.

16. Saret referenza għall-protokol reġjonali u lokali, riċentement stampat f'*handbook* mill-gvern ċentrali biex is-*seating* fil-Knisja waqt il-**Quddiesa ta' Ringrazzjament** li se tagħlaq l-attivitajiet ta' Jum l-Imqabba, li se tiġi organizzata fl-aħħar Ħadd ta' Ottubru, 2010, ikun skond il-preċedenza msemmija fl-istess kodiċi. Dwar kopja ta' dan il-*handbook*, il-Kunsill Lokali Mqabba ddeċieda illi jagħti kopja tiegħu lill-każini tar-raħal.

17. Is-sindku semma x-xogħol li sar mill-kuntrattur tal-Kunsill Lokali Mqabba fi **Triq tas-Sejba**. Hu qal li filwaqt li twaħħlu l-***cats' eyes* u l-*crash barriers***, ġie nnotat illi dawn tal-aħħar ma twaħħlux skond is-sengħa. Dan għaliex il-*pedestrians* qed ikollhom jinżlu minn fuq il-bankina minħabba dawn l-*crash barriers* u għalhekk jidħlu f'aktar periklu. Għaldaqstant l-Koptasin ser nitolbuhom biex iwaħħluhom f'post li ma jirrendux ruħhom ta' periklu aktar.

18. Noel Galea żamm lill-kunsillieri nfurmati bix-xogħol ta' **kisi ta' toroq bit-tarmak** (bħalissa xogħol tal-ilma) li qed jitkompla mill-Kunsill Lokali Mqabba fiż-żona ta' Triq il-Qattara, Misraħ il-Fidwa u Triq id-9 ta' April. Is-sindku qal li propju llum beda jiġi mgħoddi l-mejn tal-ilma temporanju u qabel jinbidel il-*main* l-antik fi Triq San Mikiel, liema mejn s'issa ma kienx wieħed adekwat. Sadanittant il-kuntrattur *Asfaltar Ltd* qabbad lid-djar ma' mejn temporanju. Il-Kunsill Lokali Mqabba iddeċieda u approva li jgħaddi minn taħt it-triq, *storm water culvet* (b'*catchments* addattati) minn taħt Triq San Mikiel li jibqa' nieżel għal Triq il-Qattara u jaqbad mal-*culvert* ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Dawn ix-xogħlijiet ma kienetx ppreżentata stima għalihom. Apparti dawn ix-xogħlijiet, fi Triq il-Qattara għad trid tgħaddi trinka tal-*Go plc* qabel ma din it-triq tkun asfaltata.

19. Sadanittant bi tħejjija għall-**kisi ta' toroq bit-tarmak,** il-Kuntrattur *Fenech Bros*, bdew iħaffru it-trinek għall-*cables* li bihom trid tkun imqabbda is-*sub station* il-ġdida fi Triq San Innoċenzju. It-toroq affettwati b'dan il-gandott se jkunu Triq iċ- Ċavi, Triq il-Kileb, Triq San Innoċenzju u se jaqsam għal Triq Santa Katerina. Dan ix-xogħol hu ttamat li jitlesta sal-aħħar tal-ġimgħa d-

dieħla filwaqt li l-Kunsill Lokali Mqabba se jħabrek biex jieħu r-refużjoni tat-tarmak li se jkun ġie ffrankat minn fuq din it-trinka biex imbgħad jasfalta Triq iċ-Ċavi u Triq il-Kileb.

20. Matul din il-laqgħa s-sindku talab lis-segretarju eżekutiv isib il-permess tat-**trinka li jinħtieġ li ssir fil-Pjazza** biex jitneħħew *wires* minn mal-faċċata tas-sede tas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju kif ukoll kopja tal-offerta ta' *Asfaltar Ltd* biex jara r-rati tat-tħaffir, jekk dawn huma nklużi mal-*Bills of Quantities* tal-offerta li kien ħareġ il-kunsill fl-2009.

21. Dwar il-**bini ta' sit elettroniku ġdid** għall-Kunsill Lokali Mqabba apparti dak uffiċjali, is-sindku qal li din il-ġimgħa se jiltaqa' mal-kuntrattur *Abakus Solutions*, għaliex id-*dummy* li kien ipprovda aktar kmieni ix-xahar li għadda ma kienx attraenti biżżejjed.

22. Minkejja li l-kuntrattur ***Alberta Fire and Security*** kien provdut bil-*purchase order* biex jissuplixxina u jwaħħal **lampa solari fi Ġnien tal-Ġibjun**, jidher illi hemm xi diffikutà għaliex lanqas biss irrispondiena lura. Din il-*purchase order* kienet ħarġet wara sejħa għall-kwotazzjonijiet li kien ħareġ il-kunsill aktar kmieni matul dan ix-xahar.

23. Għad m'għandniex *feedback* dwar l-andament tal-bejgħ mil-***kiosk* ta' Ġnien Tfal ir-Raħal** li qed tinfetaħ minn Iris Cutajar regolarment. Dwar dan se nerġgħu nagħmlu kuntatt mas-Sinjura Cutajar wara li l-Kunsill Lokali Mqabba kien offra din il-kabbana lilha.

24. Is-sindku qal li kull rapport li daħal fil-Kunsill Lokali Mqabba dwar l-operat minn *Zahra Ltd* ta' ***crusher* illegali** fi Triq tas-Sejba, kien mgħoddi mill-Uffiċċju Muniċipali lill-*MEPA* skond kif aħna obbligati li nagħmlu. Hu qal li din hija kwistjoni ta' infurzar tal-iżvilupp u ppjanar u għaldaqstant l-istess *MEPA* għandha tindirizza dawn il-problemi.

25. Għall-proposta msemmija fl-aħħar minuti tal-Kunsill Lokali Mqabba biex **żewġ żgħażagħ jitilgħu barra minn Malta** jirrappreżentawna, is-sindku qal li l-Kunsill Lokali Mqabba kien *'misled'* mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Dan għaliex fl-ewwel ittra tagħhom huma tawna x'nifhmu illi dawn kienu se jkunu tnejn minn kull lokalità u mhux tnejn minn Malta kollha. Dwar dan, is-sindku irrefera għall-korrispondenza li saret bejn il-kunsill tagħna u l-AKL. Intant iż-żgħażagħ Imqabbin li wrew interess, għandhom ikunu nfurmati mill-uffiċċju b'dan kollu u li dawk li telgħu bil-polza mill-AKL kienu żewġ żgħażagħ minn Ħal Għaxaq u r-Rabat.

26. Dwar l-offerta konġunta bejn il-Kunsill Lokali Mqabba u Ħal Safi għall-**ġbir tal-iskart organiku mħallat** li se toħroġ fil-jiem li ġejjin, is-sindku u s-segretarju eżekuttiv iltaqgħu mas-segretarju eżekuttiv ta' Ħal Safi. Matul din il-laqgħa ġie deċiż illi din l-offerta tkun pubblikata fil-*European Journal*, se tinġabar minn Ħal Safi u tiġi miftuħa f'Ħal Safi wkoll wara 52 ġurnata li fihom il-*bidders* ikunu jistgħu jixtru, jimlew u jitfgħu l-offerta. Għax-xogħol amministrattiv, se jinqasmu l-ispejjeż bejn iż-żewġ kunsilli u l-ħlasijiet isiru fuq il-bażi tan-numru tal-*households* skond l-aħħar statistika tal-*NSO*. Id-dokument se jkun jiswa' €150.

27. Il-Kunsill Lokali Mqabba mhux se jipproċedi bl-akkwist tal-**Ħajt tal-Matla** permezz tal-*Guardianship Deed*. Id-deċiżjoni kienet meħuda wara li ntqal f'din is-seduta illi l-uffiċjali tad-dipartiment ma jafux illi dan il-ħajt mhux pubbliku għaliex jinsab fi propjetà privata. Dan għaliex is-sidien ma jridux iċeduh biex inkunu nistgħu nintervjenu fuqu aħna bħala kunsill.

28. Peress li mill-eżodu tal-kwotazzjonijiet li nfetħu propju qabel din is-seduta, il-kunsill iħoss li l-unika offerta ta' Ricky Caruana hija għolja wisq, ġie deċiż li t-*token* li se jingħata lill-persuna li tkun timmeritaha **Ġieħ l-Imqabba**, jsir f-forma ta' midalja jew fil-ħġieġ. Dwar dan, il-kunsillier Paul Spiteri kien appuntat biex jindaga ftit dwar dawn il-proposti ġodda.

29. Is-sindku qal li peress li s'issa għadna ma rajna l-ebda riżultati pożittivi fil-grupp magħruf bħala dak tal-**GAL Xlokk,** hu ma fadallu l-ebda alternattiva ħlief li jirrakkomanda illi l-Kunsill Lokali Mqabba joħroġ minn dan il-grupp.  Għal din il-proposta dawk preżenti qablu unanimament.

30. Il-kunsill approva l-***Payment Approval Sheet*** numru 390.

31. Il-kunsillieri kienu provduti bil-lista tal-**korrispondenza** li nġabret fl-uffiċċju mill-aħħar laqgħa sal-llum.  Din kienet impoġġija fuq il-mejda tal-kamra biex min xtaq jara xi wħud minnha, kellu ċ-ċans jagħmel dan.

32. F'punti oħra, issemma l-ispeċi ta' ***sleeping policeman*** żgħira li saret viċin *rain water catchment* ta' bir privat li jimtela' mit-triq fi  **Triq id-Duluri**.  Peress li aktar kmieni dan ix-xahar kien hemm rapport ta' inċident minn tifla li tfixklet fih, dan se jitneħħa fuq rakkomandazzjoni tal-pulizija li ċemplu lis-sindku.

33. Fl-aħħar nett is-sindku qal li għada hemm il-***Hearing*** **tal-*MEPA*** dwar il-proġett maħsub għal **Pjazza Ġublew tad-Djamanti** fejn oriġinalment il-*MEPA* talbuna li niddepożitaw garanzija ta' €20,000 biex il-proposti tagħna jkunu ikkunsidrati.  Noel Galea qal li dan għandna nirribattu għalih għaliex fis-sit mhux se jsir tħaffir fil-fond li se jaffettwa l-istrutturi tal-katakombi tal-Mentna kif qed jissuspettaw huma.

34. Il-**laqgħa ntemmet fl-10:15pm** u ma ngħatax l-appuntament għas-seduta li jmiss peress li din m'hix se ssir nhar it-Tlieta, 14 ta' Settembru, 2010 għaliex is-sindku se jkun indispost.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>____ */09 /2010 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |